**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 01/26**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta, 19 ta' Jannar 2026 |
| **Ħin:** | 5:45pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku
Enya Abela - Kunsilliera (Skużata)
Christian Attard - Kunsillier (Skużat)
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier
Ivan Giardina - Kunsillier (Skużat)
Luke Dublet - Kunsillier (Mis-5:50hrs)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **01.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **01.06** | **Ġieh iż-Żejtun;** |
| **01.07** | ***Performance Bonuses* tal-ħaddiema ;** |
| **01.08** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **01.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **01.10** | **Mozzjonijiet; u** |
| **01.01** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**01. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill tlett ittrti ta' apoloġija mingħand Giardina, Abela u Attard minħabba xogħol u safar. | |

**01. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Aquilina<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 13/25 inqraw u ġew approvati nem.con. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2 2 | 13.02.12 | Viċi-Sindku: Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Il-Viċi-Sindku qal li kien ser ikun hemm inċident ieħor. Staqsa jekk jistax jiżdiedu l-bollards. Is-Sindku ser tkun qed titkellem ma' TM dwar dan. Issemma wkoll li hemm minnhom iridu jinbidlu. | Sindku |
| 01. 2 3 | 13.02.23 | Viċi-Sindku: Vjal Ħaż-Żabbar | Il-Viċi-Sindku qal li reġa kien hemm ħsara fid-dawl tal-bankini u diġa' qed jitkellem mal-Enemalta dwar dan. | Viċi-Sindku |
| 01. 2 4 | 13.03.06 | Viċi-Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Il-Viċi-Sindku staqsa dwar il-katusi li nfetħu għall-għelieqi. Is-Sindku qalet li dan sar bi qbil mas-sidien. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 5 | 13.07.03 | Aquilina: Karnival | Aquilina qal li x-xogħol għaddej fl-iSkola Sekondarja. Qal ukoll li kellu laqgħa mal-Iskola Primarja B dwar l-affarijiet li jridu jitħejjew għall-Karnival. Huwa qal li l-programm ser jibda fil-5:00pm minn Pjazza Santa Marija bil-Qarċilla minn 4 Jays. Ser ikollna mistednin ukoll l-Iskola ta' Wied il-Għajn, iż-żewġ baned tal-lokal, karru u żfin kif ukoll maskeruni. Fid-defile ser ikun hemm ukoll struturi li qed jinħadmu mill-iskejjel. Qal ukoll li l-permessi huma lesti. | Aquilina |
| 01. | 2 | 6 | 13.02.06 | Aquilina: Lapida | Aquilina qal li s'issa għadna ma rċivejniex tweġiba dwar dan. | Aquilina |
| 01. | 2 | 7 | 13.02.09 | Aquilina: Banda tal-Kunsill | Aquilina qal li din irnexxiet u ntogħġbot ħafna. | Aquilina |
| 01. | 2 | 8 | 13.07.02 | Aquilina: Kunċert tal-Milied | Aquilina qal li għalkemm kien kunċert tajjeb ħafna, l-attendenza mhux qed tkun waħda sodisfaċenti u qed jikkonsidra li tinbidel id-data għall-din is-sena. | Aquilina |
| 01. | 2 | 9 | 13.02.11 | Camilleri: Clean Up Day | Camilleri qalet li din hemm il-ħsieb li ssir fit-2 ta' Frar 2026. | Camilleri |
| 01. | 2 | 10 | 13.02.15 | Sindku: Tiżjin tal-Milied | Is-Sindku qalet li sodisfatti ħafna bis-servizz li tana l-kuntrattur u bħalissa qed iżarma t-tiżjin. | Sindku |
| 01. | 2 | 11 | 13.02.20 | Sindku: Bdil ta' fanali | Is-Sindku qalet li intalbet pjanti tal-ġonna u kif ser ikun għaddej id-dawl għalihom biex jekk ikollna bżonn nirreferu għalihom. | Sindku |
| 01. | 2 | 12 | 13.03.17 | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku qalet li x-xogħol huwa lest u l-inawgurazzjoni ser issir fl-4 ta' Frar f'12:00pm | Sindku |

**01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/26. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | | Sindku: Pantomima | Is-Sindku qalet li l-pantomima mtellgħa minn 4 Jays kienet tajba ħafna. | Sindku |
| 01 | 3 | 2 | | Sindku: Kuntratt knies | Is-Sindku qalet li fit-2 ta' Jannar, hi flimkien mas-Segretarju E\ekuttiv u Doublet marru l-Cleansing Department fejn ġie ffirmat il-ftehim. Ser ikunu qed jiġu assenjati 11 -il-ħaddiem, 10 kenniesa u suprevisor. Ix-xogħol diġa' beda u sejrin tajjeb ħafna. Ser nitkellmu dwar jekk hemmx lok li nnaqqsu minnhom. | Sindku |
| 01 | 3 | 3 | | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li wara li kien hemm inċident fejn waqa' 100 litru diesel fit-triq, IM qalet din il-parti milquta tat-triq u bidlet il-wiċċ b'tarmak ġdid. Il-Kunsill ma daħal fl-ebda spiża għal dan. | Sindku |
| 01 | 3 | 4 | | Sindku: Vjal 25 ta' Novmebru | Is-Sindku qalet li wara ]alba xita t-triq reġgħat żammet ]afna ilma. Tkellmet dwar dan mal-perit. Saru toqob mal-ġnub biex itaffi mill-għargħar. | Sindku |
| 01 | 3 | 5 | | Sindku: Fondi Karnival | Is-Sindku qalet li attendiet għaċ-ċerimonja fejn ġejna preżentati s-somma ta' €5000 li ser jintużaw għall-attivita' tal-Karnival. | Aquilina |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 6 | | Sindku: Bdil ta' bankini | Is-Sindku qalet li l-Public Works Department ser jibdew ix-xogħolijiet fuq il-bankini fil-parti t'isfel ta' Triq Joe Attard. Ser isiru wkoll ta' Triq l-Isqof Mattei u Triq Xandru Farrugia. | Aquilina |
| 01 | 3 | 7 | | Sindku: Laqgħa ma' Project Green | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa dwar il-proġett fi Ġnien iż-Żgħożija. Il-proġett tal-bellus miexi wkoll. Hemm xi bankini li jridu jiġu rranġati u ġa kellimna l-perit dwarhom u ser isiru. | Sindku |
| 01 | 3 | 8 | | Sindku: Triq Ħajt il-Wied | Is-Sindku qalet li wara laqggħa li kellha hi u l-Viċi-Sindkiu, ntlaħaq qbil li x-xogħol fuq id-drenaġġ ser jitkompla. | Sindku |
| 01 | 3 | 9 | | Sindku: Sqaq San Adeodato | Is-Sindku qalet li l-Public Works ser ikunu qed jagħmlu x-xogħol fi Sqaq San Adeodato. | Sindku |
| 01 | 3 | 10 | | Sindku: Misraħ Santa Marija | Is-Sindku qalet li x-xogħol jinsab f'fażi avvanzata ħafna u daqt ikun lest ix-xogħol. Aquilina qal li prova jkellem lill-ħaddiema biex jiġbed l-attenzjoni dwar nuqqasijiet u ġie njorat. | Sindku |
| 01 | 3 | 11 | | Sindku: Triq Santa Marija | Is-Sindku qalert li din it-triq ser tkun qed tingħata wiċċ ġdid. Sfortunatament ma ġejniex infurmati qabel dwar dan ix-xogħol li ser jibda għada. | Sindku |
| 01 | 3 | 12 | | Sindku: Laqgħa mal-pulizija | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-pulizija tal-komunita' dwar il-ħidma li hemm bżonn. | Sindku |
| 01 | 3 | 13 | | Sindku: Triq Santa Katarina | Is-Sindku qalet li din it-triq baqalha l-aħħar saff ta' tarmak. | Sindku |
| 01 | 3 | 14 | | Sindku: Triq il-Fossa tal-Qamħ u Triq il-Kbira | Is-Sindku qalet li Public Works sewwew ħofra kerha li kien hemm f'din it-triq.<br>Saru wkoll il-kaptelli fuq il-bokka tax-shelter fi Triq il-Kbira. | Sindku |
| 01 | 3 | 15 | | Sindku: Triq il-President Anton Buttigieg | Is-Sindku qalet tlabna TM u IM għall-follow up dwar fiex waslu. Ġejna preżentati bi pjanti li diġa' tawna u dwar dan ma qbilniex. Ħa ninsistu li din għandha ssir b'central strip kif tlabna. | Sindku |
| 01 | 3 | 16 | 01 | Camilleri: Korsijiet Life Long Learning | Camilleri qalet li ser tkun qed tiċċekja mal-iskola biex tara jistgħux isiru hemm. | Camilleri |
| 01 | 3 | 17 | 02 | Sindku: International Epilepsy Day | Kien hemm qbil li l-binjiet jinxtgħelu. Ser ikunu qed jieħdu ħsiebha l-Viċi-Sindku u Attard. Din ser tkun fid-9 ta' Frar. | Viċi-Sindku/ Attard |

**01. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4 | 1 | | Aquilina: Restawr | Aquilina qal li r-restawr fuq il-letter box li tinsab fi Triq San Girgor ser isir. | Aquilina |
| 01. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku: Mogħdija | Il-Viċi-Sindku staqsa kinx hemm żvilupp dwar il-mogħdija li tmiss ma' Triq il-Marrubja. Is-Sindku qalet li dan ser issir. | Sindku |
| 01. | 4 | 3 | | Sindku: Pjanti ta' xelters | Is-Sindku qalet li ser jiġu mgħoddija lilna l-pjanti ta' xelters taħt l-art sabiex ikollna idea tajba ta' x'hemm fil-lokal mill-lands. Aquilina ser ikun qed jieħu ħsieb dwar dan. | Aquilina |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4 | 4 | | Aquilina: Rħama | Aquilina qal li l-irħama tal-monument li jinsab f'Misraħ ir-Reppublika ser tinqala u tiġi restawrata. | Aquilina |
| **01.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 5 | 1 | | Camilleri: Slitta | Camilleri qalet li bl-islitta t-tfal tal-iskola Primarja B preparaw il-kartolini u organizzaw tqassim ta' frott lill-anzjani lejn l-Estate. Ingħaqdu wkoll ir-residenti ta' Fondazzjoni Nazzareth. | Camilleri |
| 1 | 5 | 2 | | Sindku: Razzett fi Triq Ħal Tarxien | Is-Sindku qalet li l-Ministru Owen Bonnici wegħdna li ser ikun qed jgħinna sabiex dan ir-razzett jiġi rranġat u jibda jintuża. Iktar dettalji ser jgħaddu għandna iktar 'il quddiem. | Sindku |
| 01. | 5 | 3 | | Camilleri: Charging Points | Camilleri qalet li kellha talbiet għal charging points. | Sindku |
| **01.** | **6.** | | | **Ġieh iż-Żejtun;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 6. | 1 | | Aquilina | Aquilina fetaħ in-nomini li ġew sottomessi. B'kollox kien hemm tlett nomini kif ġej:<br>1) Żewġ nomini għall-E.T. Ambaxxatriċi Vanessa Frazier<br>2) Nomina għal Etienne Schembri<br>3) Nomina għal Manuel Zammit<br><br>Ġew moqrija l-profili tagħhom u wara diskussjoni bi tlett voti kontra 2 ġiet magħżula l-E.T. Ambaxxatriċi Vanessa Frazier sabiex tingħata t-titlu ta' Ġieh iż-Żejtun.<br>Kien hemm qbil li jingħataw rikonoxximenti kif ġej:<br><br>Ħarsien għad-Drittijiet tal-Annimali:<br>Felix Farrugia<br>Joanne Gatt<br><br>Fjamma Żagħżugħa:<br>Joelle Desira<br>Mark Anthony Falzon<br><br>Sportiv tas-Sena:<br>Mariah Barbara<br>Isaac Luke Scicluna<br>Kontributur Lokali:<br>Kevin Mifsud<br>Alan Mifsud<br><br>Anzjanità Attiva:<br>Joe Brownrigg<br>Rita Vella<br><br>Rikonoxximent tal-Ħidma Volontarja:<br>Annie Zammit<br>Nenu Scicluna | |

Rikonoxximent Speċjali:
Aidan Cassar
Dott. Ramona Frendo

Bandist tas-Sena Trofew Carlo Diacono:
Delsimo Desira
Cheryl Curmi

Ħarsien tal-Wirt Kulturali:
Johnny Pace
Sean Chircop

Tisħiħ ta' Riċerka Akkademika:
Prof. Nicholas Vella

**01. 7.** ***Performance Bonuses tal-ħaddiema ;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 7 1 | | Performance Bonuses tal-ħaddiema | Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-*performance bonus* għandu jingħata l-massimu, jiġifieri dak ta' 10% lill-ħaddiema klerikali, 6% lill-ħaddiema manwali u 10% lis-Segretarju Eżekuttiv. | |

**01. 8.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Sindku | Ser isir weekend break bejn l-20 u t-22 ta' Frar fil-Paradise Bay Hotel. | Sindku |

**01. 9.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 9. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/26 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 9. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/26 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 9. 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €116.95. | Segretarju Eżekuttiv |

**01 10** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 10 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |

**01 11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2026 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

Joan Agius
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv